MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 281/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Ivan Cilia)
(Spt. Priscilla Caruana)
Vs
Alfred Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'Ottubru 2009, u fix-xhur u snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkorrompa lill-uffiċjal jew impjegat pubbliku, u rrenda ruħu kompliċi mal-istess ufficjal jew impjegat pubbliku, filli fil-kapaċita` tiegħu bħala uffiċjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda

jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd;

2. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi wiegħed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iġġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor; u

3. U aktar talli fil-5 ta' Ottubru 2009, għall-ħabta tat-08:30hrs ġewwa l-*parking area* tal-E.T.C. inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontro l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 115 u 121(A) u 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat ħati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li kif inghad ma ġewx ippruvati u lliberatu minnhom.
Ordnat li kopja ta' l-istqarrija ta' l-appellat u tad-depożizzjoni tiegħu jintbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal kull azzjoni li jidhirlu opportun fiċ-ċirkostanzi u dan a bazi tax-xhieda tal-appellat Alfred Attard quddiem din il-Qorti datata 10 ta' April, 2010 (a fol. 81 tal-process).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fit-28 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-liberatorja tat-tielet akkuża miġjuba kontra l-appellat filwaqt u li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-każ issib lill-appellat ħati tal-ewwel żewġ akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza liberatorja taghha, inter alia, għamlet apprezzament żbaljat tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-appellat mill-proċeduri odjerni u dan għar-raġunijiet segwenti :

Illi preliminarjament jingħad li dan l-appell jirrigwarda l-ħelsien tal-appellat mill-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontrih u dan peress li l-appellat jaqbel dwar in-nuqqas ta' prova koncernanti t-tielet akkuża tat-theddid kif miġjuba fl-akkużi.

Illi l-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri ibbażaw il-kaz tagħhom principalment fuq l-ammissjoni tal-akkuzat fl-istadju tal-istqarrija fejn hu fuq medda ta' żewġ stqarrijiet b'mod konsistenti u mingħajr ma kien hemm l-ebda theddid, biża' jew vjolenza wzata fuqu ammetta li kien fil-fatt għadda dawn il-flejjes lill-kwerelant Tony Schembri fejn dan ta' l-ahhar allavolja ma kienx effettivament jitlobhomlu kien jaccettahom. Hu fil-fatt stqarr li kien ħallas dawn il-flejjes sabiex il-kwerelant ikun jista' jmexxilu l-każ tiegħu mingħajr ostakoli.

Ili fil-fatt il-każ inqala' u ħareġ beraħ wara li l-appellat irċieva ittra li nfurmatu li permess tiegħu kien gie rifjutat u l-appellat mar ifittex lil Tony Schembri l-ETC sabiex isaqsih x'kien ġara u skond dak li stqarr u ammetta l-akkuzat stess fl-istqarrijiet tiegħu hu kien iddejjaq minħabba l-fatt li kien ħallsu l-flus għal xejn.

Illi jirriżulta mill-provi tal-Ispettur Ivan Cilia li l-imsemmi Tony Schembri kien jaħdem fl-ETC u kellu pożizzjoni fejn kien jikkompila l-informazzjoni in konnessjoni mal-ħruġ tal-permessi tax-xogħol u sussegwentement kien jgħaddi din

l-informazzjoni lis-superjuri tiegħu sabiex jiddeċiedu huma jekk kellux jinħareġ permess jew le. Skond dak li stqarr Attard, l-appellat kien ħa l-impressjoni li l-kwerelant seta' kellu ċertu influwenza fuq l-aċċettazzjoni u l-ħruġ ta' dawn l-istess permessi. Irriżulta wkoll li l-appellat kellu n-numru tal-mobile tal-istess Schembri u kien gieli kkomunika miegħu fuq dawn il-kwistjonijiet (allavolja jingħad li ħjiel dirett rigward il-flus li kien iħallas lill-kwerelant ma kienx jssemma anki fuq twissija tal-istess Tony Schembri peress li t-telefonati tagħhom ikunu ttappjati) u rriżulta wkoll li kien hemm korrispondenza frekwenti bl-emails bejn l-appellat u l-kwerelant liema fatt ġie kkonfermat mill-akkuzat u liema emails gew ippreżentati quddiem l-Ewwel Qorti mill-ufficjal prosekutur Ivan Cilia.

Illi l-Ewwel Qorti irrispettivament tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat fejn hu ammetta kollox u ta wkoll certu dettalji li ġew ikkoroborati fiż-żewġ stqarrijiet li ġew irrilaxxati a tempo vergine, straħet prinċipalment fuq il-prova tal-akkużat fl-Awla li setgħet kienet faċilment immotivata minn fatturi oħrajn relatati ma' dan il-kaz allavolja esterni ghall-mertu. Il-Qorti kkunsidrat il-bqija tal-provi tal-prosekuzzjoni ma kinux b'saħħithom u kienu kollha ċirkostanzjali u ma ġewx ikkorroborati ħlief bl-istqarrijiet tal-akkuzat stess li issa kienu qed jiġu miċħuda mill-akkuzat stess. Madakollu meta wieħed iqabbel il-kontenut ta' dawn l-istqarrijiet ma' dak li stqarr l-akkużat fl-Awla, hu evidentement dawwar id-diskors kollu lejn id-dispozizzjoni 638(2) tal-Kodici Kriminali tagħna l-appellat ma tantx kien kredibbli f'dak li stqarr fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi skond ix-xhieda tal-appellat hu ammetta li stqarr dak li stqarr iżda iddikjara li xejn ma kien minnu u li hu għamel dak kollu biex ippatiha lil Schembri talli hu kien għamillu rapport kontrih u ċioe' bħala tpattija. Hu jgħid ukoll li l-email datata s-6 ta' Ottubru 2006 fil-hin tad-8.40 a.m. (fol. 27) u li saret qabel li hu rrilaxxa ż-żewġ stqarrijiet saret sabiex johloq traċċi foloz ta' reat li filfatt ma kienx seħħ sabiex idaħħal lill-kwerelant Schembri fl-inkwiet talli ma kienx ħariġlu l-permess. Li pero' ma jispjegax l-appellat huwa ghalfejn ikkorompa lilu nnifsu fil-biċċa tax-xoghol jekk ma kien minnu xejn u dan mhux darba, iżda darbtejn

(iż-żewġ stqarrijiet). Interessanti jigi nnutat ukoll illi f'dik l-istess email l-appellat jgħid illi l-imsemmi Schembri ma kellux għalfejn jinkwieta jew jibża' minnu u li Schembri ma kienx fehmu meta mar ikellmu l-ETC. Madankollu l-appellat meta mitkellem mill-ufficjali investigattivi ammetta darbtejn dwar dak li kien seħħ fejn principalment ippreġudika lilu nnifsu iktar minn ħaddieħor iżda minħabba n-natura sensittiva tal-kaz ippreġudika ndubjament il-pożizzjoni ta' Schembri wkoll.

Illi in oltre il-ġurisprudenza nostrana tgħallimna li jekk l-akkużat jammetti waqt stqarrija din titqies bħala r-reġina tal-prova u dan ghandu jkollu ċertu piż fuq l-andament tal-kawza li tkun.

Illi permezz tal-kontro ezami tal-appellat, l-ufficjal investigattiv ikkonferma li l-istqarrijiet li gew rilaxxati mill-akkużat saru b'mod volontarju, mingħajr biża' jew theddid jew wegħdiet ta' l-ebda tip. Filfatt l-appellat stqarr li ħassu komdu ħafna waqt li kien qed jirrilaxxa l-istqarrijiet allavolja jekk titwemmen it-teżi tiegħu kif mogħtija fuq il-pedana tax-xhieda, hu kien qed jigdeb f'dawk il-mumenti. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju li l-istqarrijiet tal-akkużat huma legalment validi u għandhom jitqiesu bħala tali. Jingħad ukoll li l-appellat huwa persuna ta' ċertu eta' u esperjenza u kwindi meta fix-xhieda tiegħu stqarr li hu dakinhar tal-istqarrija qal li ried peress li dakinhar hu ma kienx qed jixhed taħt ġurament (fol. 90) hija wisq inkredibbli konsiderando wkoll t-twissija li ssir u li filfatt saret fir-rigward tal-appellat qabel ma rrilaxxa l-istqarrijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett hija prattika tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti jekk kemm-il darba din tkun waħda li legalment u raġjonevolment l-Ewwel Qorti setgħet tasal għaliha.

Għalhekk il-Qorti eżaminat l-atti fid-dettall sabiex tara hemmx raġuni sabiex tirriforma s-sentenza appellata.

F’dan il-każ il-punt ewlieni huwa li l-Prosekuzzjoni mexxiet ab bażi tal-istqarrijiet magħmula mill-appellat. Iżda meta l-appellat xehed huwa bidel il-verżjonijiet mogħtija fl-istqarrijiet għal kollox u stqarr bil-ġurament li kien qed jgħid il-verita’ minn fuq il-pedana tax-xhieda. Kien propju dan il-bdil li wassal lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi li tillibera lill-imputat. L-Ewwel Qorti qalet hekk:

(a) ‘Illi pero’ sussegwentement il-fatti fl-istqarrija ġew mibdula mill-imputat permezz tax-xhieda tiegħu a fol 81 illi huwa kkonferma li qal dak kollu biex ipattiha lil Schembri għaliex dan.’ U

(b) ‘Illi jidher ċar mill-assjem tal-provi illi speċjalment it-tieni rekwiżit ma ġiex ippruvat mill-Prosekuzzjoni li l-unika prova li ġabu in sostenn ta’ dan kienet l-istqarrija tal-imputat li wara ġiet midula kompetament fix-xhieda tiegħu hekk kif diġa’ ntqal aktar ‘il fuq.’

Għalhekk l-eżerċizzju ewlieni li trid tagħmel din il-Qorti huwa biex tara jekk l-Ewwel Onroabbli Qorti kenitx korretta fl-apprezzament tagħha meta tat piż għall-verżjoni bil-ġurament aktar milli għaż-żewġ stqarrijiet.

Hawn għandu jingħad li l-appellat kien bagħat e-mail lis-Surt Tony Schembri fit-8.40 am.

F’din l-e-mail insibu dan il-kliem:

‘Dear Mr Tony Schembri

With reference to my lst e-mail dated 5th Ocotber 2009 at 4.18 pm regarding phrase ‘receiving money from me’ I wish to make it clear when you sked me for other expenses and I paid you directly for the extra charges in cash, in your office and the last two times in the parking area of the ETC, because you told me that now you are not allowed to see people in your office. When sometimes I tolde you I was short of cash you replied to me ‘’Inti tafni. Qatt ma fittixt miegħek.’ This as you well know was not a one time incident, but several times during the last three years.’

Fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, l-appellat qal hekk:

‘Imma qabel (ma mort l-għassa) jiena ktibtlu e-mail. Għidt mela dan mar jagħmel rapport fuqi ħażin għax mhux veru heddidtu. Hu beda jigdeb hu għidt mela la issa gideb hu ħa nigdeb jien u ktibtlu l-ewwel e-mail li qegħda mmarkata fol 6 (attwalment fol 27) fejn għidt diskors fuq flus li mhux vera.’ (fol 83)

U a fol 84:

‘’Fuq Schembri għax jiena ħassejtu qed jigdeb fuqi u jien bdejt nigdeb ukoll.’

‘Jiena dik l-e-mail ktibtha wara li hu (Is-Sur Tony Schembri) mar jagħmel ir-rapport Birżebbuġa.’ (fol 84)

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma temminx lill-appellat. Kulma kien qed jagħmel fuq il-pedana tax-xhieda kien li jipprova jaħrab mill-kliem li jinsab f’dokument li kiteb hu stess u li issa kien qed ipoġġieh f’pożizzjoni xejn tajba. Assolutament mhux verosimili li jekk wieħed ser ipattiha lil xi ħadd billi jirrapportah, l-ewwel jibgħatlu e-mail b’dettalji li mhux vera. Dan ma jagħmel ebda sens għax jekk l-e-mail fiha affarijiet li mhux vera, min jirċeviha lanqas biss ser jagħti kasha.

Huwa sinifkanti wkoll il-ħin ta’ din l-email. Din intbagħtet fit-8.40am tas-6 t’Ottubru, 2009 waqt li l-ewwel stqarrija tal-appellat saret fis-14.10 tal-istess jum. Din l-istqarrija fiha dan il-kliem:

‘D. Tista’ tispjegali daqsxejn fejn għidtli li int ġieli tajt xi flus lil Schembri?
T. Jien ngħid li meta offrejtlu, qatt am rrifjuta pero’ huwa qatt ma talbni drett. Ngħid li tajtu flus xi sitt darbiet u l-ammont jitla’ għal madwar Lm1000.

D. Huwa ġieli rrifjuta dawn il-flus?
T. Lanqas qatt.

D. Qatt kien hemm xi ħadd preżenti meta tajthomlu?
T. Le u meta konna fl-uffiċju kont nagħmilhom fl-envelop.'

Il-bqija ta' din l-istqarrija hija aktar iffukata fuq l-allegazzjoni ta' theddid.

F'din l-istqarrija l-Qorti ma qed tara ebda sinjali ta' xi pressjoni mill-Prosekuzzjoni u m'hemm ebda ħjiel li l-appellat kien b'xi mod qed iħossu skomdu. Pjuttost hawn ċerta dettalji – ammonti, drabi, mod (fl-envelop) – li jikkonfermaw li dak li kien qed jingħad ma kienx iffabrikat biex l-appellat ipattiha iżda kien qed jgħid il-verita'.

It-tieni stqarrija itteħdet l-għada fis-7 t'Ottubru, 2009 fis-14.30 minn Spettur differenti.

Tweġiba minnhom fiha dan li ġej:

'Hu qatt ma talabni xi flus direttament, pero' kont narah li jġibli l-affarijiet bi kbar u jien kont nistaqsieh jekk kienx hemm xi spejjeż żejda u għalkemm hu ma kienx iwieġeb, jien kont ngħaddilu xi flus u minn hemm nimxu 'l quddiem. L-affarijiet kienu jimxu. Ngħid ukoll li kien hemm xi stt okkażjonijeit fejn tajtu l-flus, qatt ma tajtu inqas minn mktt lira Maltin iżda qatt aktar minn mitejn u ħamsin lira Maltija. F'dawn l-aħħar sentejn u cioe' meta qlibna bl-euros ħallast bl-ewros tant li fl-aħħar okkażjoni xi xahar jew xahrejn ilu tajtu 250 Ewro. Ġilei tajtu l-flus fuq l-iskrivanijia tiegħu, ġieli għamilthom ġo envelop u ġieli meta rajtu fil-karozza tiegħu, tlaqtlu l-flus fuq is-seat

Omissis

Kont qed nagħmel hekk biex ma jkunx hemm ostakli żejda. Jien jidhirli li hu ma kien qed jikser l-ebda liġi lanqas għaliex dak li kien qd jagħmel kien fid-dmir tiegħu.'

Fix-xhieda tiegħu (ara fol 85) l-appellat, wara mistqosija mill-Qorti:

'Jiġifieri int tiċħad li hu qatt staqsiek fuq l-extra charges?'

l-appellat wieġeb
‘U żgur lanqas qatt xejn, lanqas one cent xejn, xejn, xejn minn dan.’

Aktar ‘l isfel fl-istess paġina l-appelalt qal:

‘’Qatti (l-Ispettur Cilia) ġieli rritornalek xi flus? Għidtlu: ‘Le, għar-raġuni jekk jeina qatt ma tajtu xejn kif tridu jirritornali jew ma jaċċetqax jekk jiena dawn l-affarijiet qatt ma għamilthom’.

U a fol 86 l-appellat qal:

‘’Jiena hemm hekk (waqt l-istqarrija) ma kontx under pressure. Jiena ħassejtni li jiena ma mortx nagħmel xi rapporti. Huma baħgtu għalija. Għiudt mela jiena nista’ nwieġeb li jrid hu. Issa hawnhekk (fuq il-pedana tax-xhieda) ma nsitax ngħid li rrid. Hawnhekk irrid ngħid il-verita’ għax bil-ġurament.’

Il-Qorti kkwotat is-siltiet importanti kollha kemm mill-istqarrijiet kif ukoll mix-xhieda mogħtija mill-appellat.

Bir-rispett kollu, il-Qorti ma temminx il-verżjoni li ta l-appellat bil-ġurament li tidher li hija biss sforz biex jitħassar dak li kien qal waqt l-istqarrijiet tiegħu u li kien kiteb hu stess fl-e-mail li kien bagħat. L-appellat ħaseb li huwa seta’ jgħid in-naħa tal-istorja tiegħu, jinnega li hu kien għamel xi theddid u b’hekk ikun innewtralizza r-rapport li kien sar kontrih mis-Sur Tony Schembri. L-appellat ma kienx jaf li huwa u jagħti l-flus ( u dan ammettieh) kien qed imur kontra l-Kodiċi Kriminali imqar jekk meta kien qed jagħti l-flus ma kienx qed jagħtihom biex issir xi rregolarita’.

Għalhekk din il-Qorti mhix impressjonata bin-numru ta’ applikazzjonijiet li kien hemm fejn tmienja minnhom kienu rifjutati u imbagħad kienu aċċettati fi stadju ta’ reconsideration u tlieta minnhom kienu miċħuda. Mhux dan il-qofol ta’dan il-każ iżda jekk l-appellat tax il-flus lis-

Sur Tony Schembri b'konnessjoni max-xogħol ta' dawn tal-aħħar.

Din il-Qorti ma ssibx li l-verżjoni mogħtija bil-ġurament mill-appellat hija waħda attendibbli iżda l-Qorti hija moralment konvinta li l-verita' tinsab fl-e-mail mibgħuta mill-appellat stess lis-Sur Tony Schembri kif ukoll fl-istqarrijiet liberi tiegħu.

Skond il-Kap 9, l-istqarrija tista' tintuża biss kontra min jagħmilha.

Il-Qorti qed tiddeċiedi wkoll li l-istqarrijiet huma aċċettabbli skond il-Liġi għax ittieħdu mingħajr theddid jew wegħdi lill-appellat.

Mix-xhieda ta' Maryanne Vella a fol 51 jirriżulta li s-Sur Tony Schembri huwa Executive mal-ETC u li mill-2005 huwa kien sar Executive fl-Employment Licences Unit. Skodn l-artikolu 121(1) tal-Kap 9, l-artikoli tas-subtitolu IV (Abbuż tal-Awtorita' Pubblika) jgħodd ukoll għal kull persuna li għandha funzjoni amministrattiva ta' korp imwaqqaf b'liġi u li għandu persuna distinti.

Fil-fehma tal-Qorti l-appelalt għandu jinsab ħati tal-ewwel imputazzjoni bħala kompliċi tal-korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku.

Dwar it-tieni imputazzjoni, fil-fehma tal-Qorti hemm element nieqes. Wieħed mill-elementi huwa li
;

'persuna tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza.'

Fil-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni, inklużi l-istqarrijiet tal-appellat, imkien m'hemm prova li l-uffiċjal inkarigat għamel tali asserzjoni.

Għalhekk il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li l-appellat mhux ħati ta’ din l-imputazzjoni.

Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti qed tvarja u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fl-14 ta’ Ġunju 2010, billi wara li rat l-artikoli 18, 28A, 120(1), 115 (a), 121A(1) u  tal-Kap 95(1) tal-Kap 9 qed tikkonfermaha fejn lliberat lill-appellat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni u qed tibdilha u tirriformaha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti llibertat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u minflok qed issibu ħati tagħha u, wara li rat il-fedina penali tal-appelalt,  qed tikkundannah għall-piena ta’ priġunerija ta’ seba’ xhur liema piena m’għandhiex tidħol fis-seħħ jekk l-appellat ma jwettaqx xi reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.  Il-Qorti spjegat xi jkunu l-konsegwenzi jekk huwa ma jwettaq xi reat fiż-żmien imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------